MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 148/2007

**Christopher Puglisevich u martu**
**Nadienne Puglisevich**
**(ID Nos. 143169M u 349071M**
**rispettivament)**

**VS**

**David Gauci, Joseph Micallef u**
**martu Marisa Micallef**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors guramentat tat-23 ta'Jannar 2008, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-intimati nghataw solidalment bejniethom il-gestjoni ta' bar mill-kumitat ezekuttiv tal-Mosta Football Club, liema bar jinsab biswit il-ground tal-football tal-Mosta;*

2. *Illi l-intimat David Gauci ceda u assenja d-drittijiet u interessi kollha tieghu konnessi mal-gestjoni tal-imsemmi bar favur l-atturi rikorrenti, u dan versu l-prezz ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500) li thallsu lill-konvenut intimat David Gauci permezz ta' zewg pagament; u*

3. *Illi l-ftehim bejn il-partijiet kontendenti kien fis-sens illi tali assenjazzjoni kellha tkun ghal-perjodu ta' hames (5) smin, u l-qliegh mill-gestjoni tal-bar kellu jinqasam bejn l-atturi rikorrenti u l-intimati konvenuti konjugi Micallef f'sehem indaqs bejniethom; u*

4. *Illi l-attur rikorrenti Christopher Puglisevich beda jiggestixxi l-bar in kwistjoni, flimkien mal-konvenut intimat Joseph Micallef, b'effett mill-1 ta'Mejju 2006; u*

5. *Illi sussegwentament, u aktar precizament fil-10 ta'Novembru 2006, l-attur rikorrenti gie impediet milli jkompli bil-gestjoni tal-bar in kwistjoni mill-konvenut intimat Joseph Micallef li cahhad lill-attur rikorrenti mill-access ghall-fond in kwistjoni, u dan minghajr ebda raguni valida, u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u*

6. *Illi b'konsegwenza tal-agir abbuziv tal-konvenut intimat Micallef, l-attur rikorrenti sofra telf qliegh mill-gestjoni tal-bar ghall-perjodu rimanenti; u*

7. *Illi tul il-perjodu li l-attur rikorrenti dam jiggestixxi l-bar in kwistjoni flimkien mal-konvenut intimat Micallef, hu kkontribwixxa ghall-ispejjez konnessi mall-istess gestjoni, inkluz li xtara stock mehtieg sabiex dan il-bar ikun jista' jopera; u*

8. *Illi ghalhekk u ladarba l-attur rikorrenti gie impediet arbitrarjament milli jkompli bil-gestjoni tal-bar in kwistjoni, hu ghandu jinghata refuzjoni tal-flus li thallsu inutilment lill-konvenut intimat Gauci, oltre illi ghandu jinghata kumpens ghall-ispejjez li ghamel u nefaq in konnessjoni mal-gestjoni tal-istess bar kif ukoll kumpens ghat-telf ta' qliegh li sofrew l-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-agir abbusiv tal-konvenuti intimati; u*

9. *Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghar-refuzjoni u hlas imsemmi, il-konvenut intimati baqghu inadempjenti;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tiddikjara illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti dwar il-gestjoni tal-bar li jinsab biswit il-ground tal-football il-Mosta, m'ghadux validu u operattiv b'konsegwenza tal-agir abbusiz tal-konvenuti intimati, jew min minnhom.*

2. *Tiddikjara illi ghalhekk il-konvenut initmat David Gauci ghandu jhallas u jirrifondi s-somma ta'sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500), jew kwalunkwe bilanc li jigi likwidat min din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti hlas li rcieva minghand l-atturi rikorrenti in konsiderazzjoni tal-assenjazzjoni lill-atturi rikorrenti tad-drittijiet tieghu ta'gestjoni tal-barin kwistjoni.*

3. *Tikundanna lill-konvenut intimat David Gauci sabiex ihallas u jirrifondi lill-atturi rikorrenti s-somma ta'sitt elef u hames mitt lira (LM6,500) jew kwalunkwe somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

4. *Tiddkjara illi l-konvenuti intimati Micallef ghandhom jhallsu lill-atturi rikorrenti kumpens ghat-telf ta'qliegh li sofrew b'konsegwenza tal-agir abbuziv tal-istess konvenuti intimati, jew minnhom, oltre illi ghandhom jinghataw refuzjoni tal-ispejjez li nkkorrew l-atturi rikorrenti fil-gestjoni tal-bar in kwistjoni, inkluz ix-xiri ta'stock li baqa' fl-istess bar.*

5. *Tillikwida d-danni spettanti lill-atturi rikorrenti, konsistenti f'telf ta'qliegh u spejjez minnhom inkorsi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

6. *Tikkundanna lill-konvenuti intimati, sabiex jhallsu kwalunkwe somma li tigi likwidata in linea ta'danni.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 13 ta'Novembru 2006, u 20 ta' Novembru 2006, kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti konjugi Micallef tal-25 ta'Gunju 2007 (a fol. 25 et seq.) li taqra hekk:

*"1. Illi t-talba tal-atturi in kwantu dawn jinsabu ndirizzati lill-konvenuti Micallef ghandhom jigu respinti peress illi huma nieqsa minn kull fondament legali;*

*2. Illi fil-fatt ghandu jirrizulta li hekk kif il-konvenut David Gauci kien irrinunzja mid-dritt ta' kirja li kellu fuq il-bar in kwistjoni, it-titolu relattiv ta' lokazzjoni baqa jispetta lill-konvenuti konjugi Micallef biss u fil-fatt il-kumitat tal-Youth Nursery fejn kien lokat dan il-bar baqghu jirrikonoxxu biss lill-konvenuti konjugi Micallef fid-dritt ta' gestjoni tal-Bar in kwistjoni;*

*3. Illi huwa minnu li l-konjugi Micallef kienu nkarikaw lill-attur sabiex jassistihom fl-operazzjoni tal-Bar in kwistjoni pero b'dana kollu huma b'ebda mod ma assenjawlu xi drittijiet lokatizzji jew ta' xorta ohra fil-gestjoni tal-istess tant illi l-kumitat tan-nursery qatt ma kkontratta mal-attur u jew irrikonoxxa lill-attur fit-titolu spettanti l-gestjoni tal-Bar in kwistjoni;*

*4. Illi l-inkariku moghti mill-konvenuti konjugi Micallef lill-attur kien gie tterminat b'mod unilaterali mill-konjugi Micallef minhabba l-agir ripetut u kostanti da parti tal-attur innifsu ta' natura abbusiva u illegali u mhux per konsegwenza ta xi raguni kapriccjuza da parti tal-konvenuti konjugi Micallef;*

*5. Illi difatti ghandu jirrizulta li l-konvenuti konjugi Micallef kienu gew kostretti jitterminaw l-inkariku moghti lill-attur peress illi sabu li dan kien qieghed ibaghbas kemm fl-istock tal-istess Bar u kif ukoll fil-kaxxa tal-flus. Difatti il-konvenuti Micallef bdew isibu b'mod regolari li l-flus fil-kaxxa ma kien jirrifletti qatt il-bejgh tal-istock li kien isir u kien ghalxejn li lill-attur kienu gibdu l-attenzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas peress illi xorta wahda baqghet tirripeti ruhha din l-istorja sakemm il-konvenuti Micallef ma setghux jaccettaw din is-sitwazzjoni negattiva aktar u temmewlu l-inkariku;*

*6. Illi difatti ghandu jirrizulta wkoll illi mill-mument li l-inkariku kien gie tterminat lill-attur, il-konvenuti Micallef dejjem sabu rikonciljazzjoni tajba u posittiva bejn il-flus tal-bejgh u l-flus fil-kaxxa;*

*7. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti konjugi Micallef mhux biss ghandhom jigu respinti peress illi huma nfondati fattwalment oltre li huma nieqsa minn kull fundament legali izda sahansitra huma l-istess konvenuti konjugi Micallef li se mai ghandhom id-dritt ta' azzjoni kontra l-istess atturi ghat-telf li sar mill-Bar kemm kien ilu jiehu hsiebu hu sew minhabba negligenza grossolana tieghu u kif ukoll minhabba l-ghemil doluz tieghu kif fuq spjegat u liema dritt ta' azzjoni qieghda tigi kwindi minn issa riservata favur il-konvenuti konjugi Micallef;*

*8. Illi l-fatti kollha kontenuti f'din ir-risposta huma maghrufa personalment lill-istess konjugi Micallef;*

*B'riserva li jintalab id-dritt li jitresqu risposti ulterjuri jekk jinqala l-kaz.*

*Bl-ispejjes kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' David Gauci tas-17 ta'Marzu 2008 (a fol. 52 et seq.) li taqra hekk:

*"1. Illi preliminarjament il-konvenut David Gauci jecepixxi li huwa ghandu jigi illiberat minnufih mill-harsien tal-gudizzju u dana billi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza hekk kif imressqa mill-atturi;*

*2. Illi, in linea preliminari wkoll, il-konvenut David Gauci jecepixxi illi r-rikors imressaq mill-atturi huwa null stante illi m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni ta' tali talbiet u dana bi ksur ta' l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwardja biss David Gauci liema nuqqas ma jistax jissewwa u dana billi l-kawza hekk kif imressqa hija ibbazata fuq il-fatt illi l-konvenuti Micallef kisru l-ftehim ma' l-atturi u ma tawhomx aktar access ghal fond in kwistjoni u m'hemm l-ebda premessa illi torbot lill-konvenut Gauci ma xi risponsabbilta' versu l-atturi. Ghalhekk fir-rigward tal-konvenut Gauci biss il-premessi m'humiex guridikament marbuta mat-talbiet ta' rifuzjoni li avvanzaw l-istess atturi fil-konfront tal-konvenut Gauci u per konsegwenza l-imsemmija talbiet ghandhom jigu*

*iddikjarati null u bla effett minnufih;*

*3. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenut Gauci jecepixxi n-nullita' tar-rikors promotorju-attrici ai termini ta' l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-atturi permezz tar-rikors promotorju taghhom u bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum recursus ad alteram' qeghdin jipprovaw jittentaw jaghmlu zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawza wahda u kontra zewg konvenuti differenti, senjatament azzjoni in linea ta' danni fil-konfront tal-konvenuti Micallef u azzjoni ghal rifuzjoni (infondata ghall-ahhar) fil-konfront tal-konvenut Gauci u liema talbiet huma guridikament insostenibbli flimkien billi huma bazikament zewg kawzi differenti f'kawza wahda. Tali vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat minnufih in-nullita' tar-rikors mahluf promotorju in kwantu dan jolqot lill-konvenut Gauci;*

*4. Illi, fil-mertu, il-konvenut Gauci jirrileva li m'hemm l-ebda lok ghal rifuzjoni u dana billi ma kien hemm l-ebda ksur kontrattwali min-naha tieghu versu l-atturi;*

*5. Illi l-konvenut Gauci jirrileva illi m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex il-ftehim ta' bejnu u l-atturi ghandu jigi mhassar;*

*6. Illi, fil-mertu wkoll, il-konvenut Gauci jirrileva illi huwa ma jista qatt jigi tenut risponsabbli in linea ta' danni versu l-atturi;*

*7. Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, il-konvenut Gauci jirrileva illi billi huwa totalment estraneju ghall-pendenza li hemm bejn l-atturi u l-konvenut Micallef huwa m'ghandu jehel l-ebda spejjez in konnessjoni mal-proceduri odjerni;*

*8. Salv difizi ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-13 ta'Mejju, 2008 illi bih giet nominata il-Perit Legali Dr. Gabrielle Zammit (a fol. 54 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta'Christopher Puglisevich et tat-23 ta'Gunju 2011 (a fol. 279 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet finali u ta' twegiba tal-konvenut David Gauci tas-19 ta'Gunju

2011 (a fol. 286 et seq.);

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet tal-10 t’Awwissu 2011 tal-konvenuti konjugi Micallef ghan-nota prezentata mill-atturi (a fol. 297 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Gabrielle Zammit prezentata fis-16 t’April 2012 u mahlufa fil-24 ta’Mejju 2012 (a fol. 304 et seq.);

Rat in-nota ta’ kritika ta’Christopher Puglisevich et tat-2 t’Awwissu 2013 (a fol. 421 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Christopher Puglisevich fl-affidavit tieghu a fol. 18 et seq. ta l-isfond ta’ kif huwa kien interessat sabiex jidhol ghal-gestjoni tal-bar tal-Mosta Football Club. Huwa xhed illi meta David Gauci kien ddecieda li ma jibqghax jiggestixxi il-hanut, Micallef qallu li seta’ jithol fiz-zarbun ta’ David Gauci biex b’hekk ikunu shab, hu u Micallef fil-gestjoni tal-bar. Micallef informah bis-somma li Gauci kien qed jipretendi u cioe’ Lm6,500 u meta l-attur qal lil Micallef li ma kellux dik is-somma, mart Joe Micallef informatu li kienet lesta illi tkellem lil *Bank Manager* sabiex jaghtih facilita’ ta’ self. Hekk kien sar u f’temp ta ftit jien inghata l-facilita’ bankarja. Puglisevich xhed li huwa ta depositu ta’ Lm2,000 lil David Gauci u kellu jhallas il-kumplament ta’ Lm4,500 f’anqas minn xahrejn skond il-ftehim. Saret karta li giet iffirmata minnu u minn David Gauci waqt li Joe Micallef iffirma bhala xhud. Fit-30 t’April 2006 l-attur kien mar il-hanut sabiex David Gauci jaghtih *hand over* u beda jahdem fil-hanut fl-1 ta’ Mejju 2006.

L-attur xhed li l-kuntratt ta’ self mal-Bank of Valletta biex jithallas David Gauci sar fit-12 ta’ Gunju 2006 – Vide Dok. C u li hu ghadda *banker’s draft* ghas-somma ta’ Lm4,500 lil David Gauci skond il-ftehim. David Gauci iffirma r-ricevuta u Joseph Micallef iffirma bhala xhud tal-istess ricevuta. L-attur xhed illi hu u Micallef bdew jiggestixxu l-bar u l-qliegh kien ikun ta’ Lm50 sa Lm100 kull wiehed fil-gimgha u l-istock u l-kera kienet tithallas nofs bin-nofs.

Huwa xhed illi fit-8 ta' Novembru 2006 waqt li kien fil-hanut sab il-kuntratt li kien sar bejn il-Kumitat tal-Football Club u l-konvenuti Micallef u Gauci. Puglisevich xhed li dak il-hin kien dahal Gauci fil-hanut u ghalhekk talbu jghidlu meta ha jdur fuq ismu dak il-kuntratt. Kien hawn illi Gauci irrisponda li huwa kien ilu li nehha ismu fuq il-kuntratt u li Puglisevich kellu jitkellem ma Micallef. L-attur tkellem ma Simon Henwood informah li inbidel il-Kumitat u li s-Segretarju il-gdid Causon, kien msiefer. Puglisevich avza lil Gauci illi jekk kien veru illi Gauci kien neha ismu minn fuq il-kuntratt ad insaputa tieghu, huwa kien lest li jiehu passi kontrih. Fl-10 ta' Novembru 2006, ircieva telefonata minghand Micallef fis-sebgha ta' filghodu li qabad jghajjat mieghu, u wissieh biex ma jersaqx lejn il-hanut. Minkejja t-tentattivi tieghu sabiex jitkellmu bil-kwiet, Micallef qabad jghajjru jghajjat fuq it-*telephone*. Fil-11 ta' Novembru 2006, il-katnazz tal-bar in kwistjoni kien inbidel u ghalhekk l-attur ma setghax jaccedi fil-bar. Huwa ghamel rapport fl-ghassa tal-Pulizija u minkejja diversi tentattivi sabiex jilhqu ftehim bonarju, dan ma rnexxiex.

Permezz ta' nota tal-20 ta' Frar 2008 l-atturi prezentaw prospett tad-danni reklamati – Vide fol. 46 sa 49.

Mix-xhieda tal-Ispettur Edmond Cuschieri a fol. 85, irrizulta illi ma sab ebda rapport tal-Pulizija maghmula mill-attur fis-sena 2006.

Joseph Borg Cardona rapprezentant tal-BOV Bank of Valletta) pprezenta *statements* fuq il-*loan account* tal-atturi li gew immarkati bhala JBC1, JBC2, JBC3, JBC4.

Joseph Micallef ikkonferma Dok.A u Dok.B ezebiti a fol. 4 u 5 tal-process. Huwa xhed li qabel dan il-ftehim huwa kien jiggestizzi il-bar in kwistjoni ma David Gauci. Ikkonferma ukoll li huwa ma rceva ebda parti mis-somma ta' Lm6,500 li giet mghoddija lil-David Gauci.

Micallef xhed:

> ***"Jien dahhaltu mieghi lil Chris Puglisevich biex ikun hemm shab bejn it-tnejn li ahna."***Vide fol. 89

Micallef xhed li hu u David, kellhom kuntratt mal-Kumitat tal-klabb tal-*Football*, izda li huwa ma kienx avza lill-Kumitat, rigwardanti Chris Puglisevich

Rigward il-qsim tal-qliegh, Micallef xhed li kienu jaqsmu nofs bin-nofs izda ma tantx kien jibqa profitti x'jaqsmu ghaliex il-*business* kien mar lura hafna.

Micallef xhed li l-attur ma baqax jidhol fil-Klabb, ghal-habta ta' Novembru jew Dicembru ta' 2006, il-ghaliex kien waqqfu milli jidhol.

Micallef ikkonferma li l-kaligrafija fuq Dok.B kienet tieghu.

Mistoqsi min kien ihallas ghall-istokk fil-hanut, Micallef xhed illi ghall-ewwel kien jithallas mill-profitti u jekk ikun hemm bzonn ta' iktar, jithallsu nofs bin-nofs.

> ***"Meta ghidt lil Chris biex ma jergax jigi, stokk ma kien ghad fadal kwazi xejn."*** vide fol. 91

Waqt l-ishubija ma l-attur, Micallef xhed li ha xi profitti fl-ewwel xahar cioe' madwar Lm100 fil-gimgha, pero' mbaghad l-istokk beda jonqos. Micallef ikkonferma li m'ghadux imexxi il-bar.

David Gauci a fol. 91 et seq. ikkonferma l-firma tieghu fuq Dok.A u Dok.B ghalkemm kien hemm bicca nieqsa fuq dan l-ahhar dokument. Gauci ikkonferma li ircieva Lm6500 minghand l-attur u dana ghall-istokk u l-*equipment* tal-hanut.

Ikkonferma li huwa kien shab ma' Joe Micallef fl-operazzjoni tal-bar u li kienu investew il-flus f'dan il-bar. Gauci xhed li hu u Joe kienu avzaw l-Kumitat li Gauci ma kienx aktar involut fl-operat tal-bar.

Gauci ikkonferma illi ma kienx jaf ir-raguni il-ghaliex Chris ma baqax involut fil-bar. Gauci iddikjara li rega beda bit-tmexxija tal-post u hallas Lm3000

Joe Borg Caruana a fol. 94 ezebixxa is-*sanction letter* Dok.JBC5.

Leslie Causon a fol. 95 et seq.xhed illi huwa kien amministratur fil-Mosta Football Youth Nursery, mis-sena 2005, u qablu kien hemm Joseph Muscat. Causon ikkonferma illi hemm

kuntratt ghal-gestjoni tal-bar tal-*Football Club*. Huwa sostna li l-kuntratt ma Gauci u Micallef, sar fl-10 ta' Novembru 2005, ghal perjodu definit cioe' mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Gunju 2010.

Causon xhed illi l-kera dejjem thallset.

> ***"Dak il-kuntratt huwa specifikament bejn in-Nursery u l-persuni hemmhekk firmati. F'kaz ta' tibdil, irid jigi avzat il-Kumitat u jinghata l-approvazzjoni tal-Kumitat."*** Vide fol. 96

Causon xhed li f'Gunju 2006 David Gauci kien iddikjara li kien qed juirrinunzja ghal kull dritt, sehem jew interess fil-bar mil-1 ta' Mejju 2006. In-nota hija ffirmata minn David Gauci, Joe Micallef u minnu.

> ***"Formalment m'ghandi xejn bil-miktub li juri li gie ssostitwit Gauci, pero' bhala stat ta' fatt konna naraw nies ohrajn fil-bar jghinu u jahdmu li ma kienux David Gauci. Specifikament kont nara lil Chris Puglisevich, li nafu mill-bar u gieli kellimtu."*** Vide fol. 97

Causon xhed li ghalkemm ma kienx responsabbli ghal hrug ta' ircevuti, kien hemm ktieb ta' l-ircevuti.

> ***Mistoqsi jekk qatt staqsejt lil Puglisevich kemm kien involut fil-bar, nghid li ma kellix l-interess. Regolarizzata bil-kitba ma saritx. Ma nafux x'inhu l-ftehim, jekk kien hemm, bejn Micallef u Puglisevich. Li nafu hu li Gauci hareg mill-istampa fl-1 ta' Mejju u li kien hemm Puglisevich b'xi mod involut fil-bar. Minn naha tan-nursery ma kien hemm l-ebda rikjesta li jerga jinbidel il-kuntratt.*** Vide fol. 97

Causon xhed l-kuntratt ma jikkontemplax il-possibilta' li l-kuntrattur jimpjega nies biex jassistuh fil-gestjoni.

Causon xhed li fl-10 ta’ Jannar 2007 Joe Micallef kien taghhom tliet xhur *notice of cancellation* tal-kuntratt, imbaghad fit-12 ta’ Marzu 2007 in-Nursery rega’ dahal f’kuntratt wara li hargu t-*tenders* ma’ David Gauci u certu Joseph Vella.

Causon xhed li kienu thallsu Lm3000 mill-kuntratturi l-godda lil Micallef.

Simon Henwood a fol. 99 ikkonferma li kien segretarju tan-*Nursery* tal-Mosta Football Club. Huwa xhed li kien il-persuna responsabbli li johrog l-ircevuti tal-kera tal-bar u pprometta li jipproducihom.

Leslie Causon fit-tieni xhieda tieghu ezebixxa l-original ta’ Dok.A u Dok.B. Ezebixxa Dok.C ittra ta’ Joseph Micallef li kien qieghed jikkancella l-kuntratt u Dok.D, l-ittra ta’ accettazzjoni tan-*Nursery*. Giet ezebita Dok.E lista ta’ xogholijiet ta’ Joseph Micallef rigward l-kumpens xieraq, u Dok.F il-kuntratt il-gdid datat 2007 bejn in-*Nursery* u David Gauci u Joseph Vella.

Simon Henwood ezebixxa Dok.SH1, Dok.SH2, Dok.SH3. kopji ta’ l-ircevuti tal-hlas tal-kera,u ppreciza li d-data koretta fl-ahhar dokument riedet taqra 6 ta’ Dicembru 2008.

Christopher Puglisevich ezebixxa Dok. CP1 u CP2, dokumenti rigward hlas ta’ *cable* , apparti li Puglisevich kien inkarigat li jigbor il-flus mill-klijenti, u jircievi il-*commission* ta’ Lm1.50 fuq kull loghba, minn naha tal-Kunsill. Huwa sostna ***“u jien minnhom kont inhallas il-kera lill-kumitat.”*** Vide fol. 105

Christopher Puglisevich ikkonferma li huwa ghamel rendikont tad-danni, u xhed li l-ewwel *item* fuq dan ir-rendikont kien profit ta’ Lm 50 li kien jinqasam nofs bin-nofs. Huwa ikkkonferma il-*paperwork*, kienu jiehu hsibu tnejn li huma, u fl-ahhar tal-gimgha, kienu jaqsmu il-qliegh wara li jhallsu s-*suppliers*. Huwa sostna li kien ikun hemm net profit ta’ Lm50 kull gimgha.

Huwa ikkonferma li biex dahal fis-sehem kien hallas lil David Gauci s-somma ta’ Lm6,500, u Joe Micallef kien xhud ta’ dan. L-attur xehed illi huwa ma kienx gie rikonoxxut fuq l-istess kuntratt minnflok David Gauci, il-ghaliex ma tawhx cans.(a fol. 108) L-attur ikkonferma li ma ffirma l-ebda karta jew skrittura man-*Nursery*.

L-attur xhed illi rendikont tal-istock ma kienx sar l-ghaliex l-istock kien fil-*garage* ta' David u minn hemm gie konsenjat lil Joe Micallef li hu sa dak iz-zmien kien jafda b'ghajnejh maghluqa. A fol. 109 l-attur xhed li huwa qatt ma kiteb lil kumitat biex jigi rrikonoxxut minnhom. L-attur ikkonferma li insegwitu tar-rapporti li ghamel mal-Pulizija kontra Joe Micallef, il-Pulizija ma hadux passi kontra Micallef. L-attur sostna li Micallef qatt ma akkuzah ta' serq mill-bar.

> ***Joe kien imbaghad cempilli u kien qalli kliem oxxen ghax jien kont staqsejt lil David meta kien ser jitnizzel ismi fuq il-kuntratt. Wara t-telefonata kont sibt il-bieb maghluq b'katnazz differenti u kont mort l-ghassa. Ma qallix illi ma kienx qed jafdani, u lanqas illi s-suppliers kienu qed jigru warajh biex jithallsu. Is-Surgent kien qal li Joe kien qal li kont impjegat hemm."*** Vide fol. 109

Christopher Puglisevich in kontro-ezami, a fol. 111 et seq. li b'referenza ghar-rendikont tad-danni u mistoqsi fuq l-ammont ta' Lm600, xhed li ghamel dan fuq dak li ra fil-hanut cioe'inbejjed, birer, twistees, luminati, fniek, hut, etc.

Huwa ikkonferma li kien hemm stock ta xi Lm600 u li ma setghax jaghmel rendikont precis ghaliex gie mkecci u ma kellux access aktar ghal-bar. Innega li l-hanut kien kwasi vojt. Ikkonferma li gieli kienu jixtru l-birra mic-*cellar* ta' hdejn is-Subaru.

> ***Mistoqsi jekk naqbel illi Joe Micallef kien akkuzani illi konna nispiccaw bla stock ghax id-dhul tal-bar kont nitfaghhom fil-but, nghid li mhux veru qatt ma qalli hekk."*** Vide fol. 113

Christopher Puglisevich in kontro-ezami, a fol. 114 et seq. ikkonferma il-bdil tal-VAT number minn David Gauci, ghall-ismu. Ikkonferma ukoll li l-istock kien jinxtara mill-qliegh tal-bar.

L-attur ikkonferma illi gieli ma kienux jiehdu Lm50 fil-gimgha u li kien hemm xi 3 gimghat meta ma hadu ebda qliegh. Innega li qatt ha xi stock id-dar.

L-attur ikkonferma li kien qieghed ifittex lil David ghaliex kien tah l-flus u ma qallux li kien nehha ismu, minn fuq il-kuntratt. Huwa xhed li huwa ghamel ftehim ma Joe Micallef, u li kienet il-mara ta' Joe Micallef li haditu l-bank u rrangatlu mal-*Manager* biex jissellef il-flus, li bihom hallas lil David Gauci, fuq stuzzjonijiet ta' Micallef.

L-attur xhed li il-Pulizija ma nformawhx li Micallef kien allega li *"garrejtu haj",* u li dak li ntqal mis-Surgent kien li hu kien sempliciment "lavrant" fil-bar.

Christopher Puglisevich in kontro-ezami:

> ***"Mistoqsi jekk il-ftehim konness mal-mertu ta' din il-kawza sarx mal-konvenut Joseph Micallef u mhux mal-konvenut David Gauci, nghid li Micallef kien il-'middle man'. In-negozju ghamiltu ma' Joe Micallef u l-flus tajthom lil David Gauci ghaliex kienu partners.*** Vide fol. 118
>
> ***Li dejjaqni kien li lil David tajtu l-flus bil-patt li jnizzilli ismi fuq il-kuntratt meta hu rrizenja mill-involviment tieghu fil-bar.*** Vide fol. 119

L-attur cahad illi David qatt tah ittra fejn infurmah dwar ir-rizenja tieghu.

> ***Mistoqsi dwar l-involviment ta' David Gauci, nghid li dan kien ghax David tajtu l-flus biex jinformani li rrizenja mill-club u li jitnizzel ismi minnfloku, pero' dan ma sarx.***Vide fol. 119

Joseph Micallef ikkonferma li kien sar kuntratt bejnu u David Gauci man-Nursery ta' Mosta F.C. u kkonferma Dok. A.

Il-bar kellu VAT *registration* f'isem Micallef.

Micallef xhed li Christopher Puglisevich qatt ma ghamel ftehim mieghu rigward il-gestjoni tal-bar, u li ma kienx jaf jekk sarx ftehim bejn l-attur u David Gauci. Micallef xhed li kien xhud tal-flus li Christopher Puglisevich ta lil David Gauci.

Meta hareg Gauci mil-gestjoni tal-bar, Micallef kellem lil Puglisevich li xtaq jidhol mieghu fil-gestjoni tal-bar. Tah nofs il-qliegh tal-hanut u anke c-cwievet.

Micallef xhed li huwa biss kien rikonoxxut man-Nursery ta' Mosta F.C., u ma kienx dahhal l-attur fil-ftehim ma' Mosta Nursery.

> ***Jien m'ghamilt xejn mal-VAT Department u l-karti baqghu l-istess fuq ismi. Fil-fatt meta mort innehhi l-VAT numru jiena stess kont mort. Kieku kien fuqu wkoll, kien ikollu jkun hemm ukoll.*** Vide fol. 124

> ***Meta telaq Gauci, kellna garaxx mimli stock – birra, helu, crisps, etc. Kif gie Puglisevich bdejna niehdu minn dan l-istock. Fi 3 xhur lanqas ma kien ghad fadlilna 2 kaxxi birra fuq ir-rih.*** Ibid

Micallef xhed li kien qed jigi misruq.

David Gauci a fol. 128 et seq xhed li huwa kien iddecida li ma jibqax shab ma Joseph Micallef fil-gestjoni tal-bar ta' Mosta FC u Micallef u Puglisevich iddecidew li:

> ***Puglisevich jidher minnfloki. Jien ghidt lil Puglisevich biex jaghtini s-sehem tieghi u jista' jidhol minnfloki. Ftehemna xi Lm6500, taghni l-ewwel pagament u mbaghad taghni t-tieni pagament u ktibt dikjarazzjoni fejn ghidt li m'ghadx ghandi x'naqsam. It-tlieta li ahna ffirmajna li Puglisevich kien ser jidhol minnfloki.*** Vide fol. 129

Gauci xhed illi nqala xi disgwid bejn l-attur u Micallef, u hu gie mzeffen fin-nofs. Il-ftehim ta' bejn Puglisevich u Micallef kien li l-kuntratt jibqa' fuq Micallef u Puglisevich jidhol bi shab mieghu. Gauci xhed li kien jaf dan, ghax id-diskors tal-ftehim sar quddiemu.

> ***B'referenza ghall-istess xhieda in kontro-ezami ta' Puglisevich, meta qal li David Gauci kellu say fil-ftehim ghax kien hemm ismu fuq il-kuntratt, nghid illi ismi kien fuq il-kuntratt, pero' l-ftehim li sar***

> ***bejniethom kien illi jibqa' fuq Micallef. Jien hadt is-somma ta' Lm6500 minghand Puglisevich, ghaliex ittrasferejt l-affarijiet kollha li kien hemm, per ezempju, imwejjed u siggijiet, bank, refrigerator, frier, grill, fan etc, plus ix-xorb li hallejt u affarijiet ohra.***Vide fol. 129 u 130
>
> ***Morna jiena u Micallef flimkien u jien ghidt lill-kumitat li jien inqtajt minn dan il-ftehim u li ser jibqa' Micallef biss bil-ftehim ta' Puglisevich ukoll, ghax Puglisevich accetta li jibqa' Micallef biss."*** Ibid a fol. 130

In kontro-ezami Gauci xhed illi, stock taking ma sarx, u li hu sempliciment talab prezz li kien accettabbli ghal Puglisevich meta urieh l-oggetti li kienu jifformaw parti mill-istock, kemm fil-bar kif ukoll fil-garaxx tieghu.Gauci ikkonferma li s-somma ta'Lm6,500 kienet tirraprezenta nofs il-valur tal-istock.

Sussegwentement David Gauci jafferma illi huwa rega ha l-gestjoni ta' dan il-bar u hallas lil Micallef is-somma ta' Lm4000, kif jirrizulta minn Dok.F. Dana kien ghal *equipment* u ghamara fil-bar, u l-kcina inkluz, *fridge, il-big screen, il-fan, frier, grill*, affarijiet tal-platti, id-*dishes* ta' fuq il-bejt, is-*satellite* u *l-air conditioners*.

Gauci xhed illi affarijiet addizzjonali li ma kienux fil-bar sal-mument li telaq hu, kienu jinkludu d-*decoder* tal-*iskye*, *television* ta' 32 *inches*, *stock* ta' birer u *spirits* u tinda tal-*canvas*. Gauci ikkonferma li hu ma hallas xejn lill-attur u hallas *"minnflok lil Micallef."*Vide fol. 131

David Gauci (a fol. 133) in kontro-ezami ezebixxa Dok.X u Dok.Y li humi cifri approsimattivi tal-istock illi huwa halla meta hareg minn negozju tal-bar u meta rega dahal ghal gestjoni tal-istess. A fol. 138 David Gauci xhed illi ghar-rigward tal-ftehim illi gie iffirmat minnu u Puglisevich, Micallef, kien iffirma biss bhala xhud. David Gauci xhed illi peress illi huwa baqa jifrekwenta dan il-bar bhala klijent, u minhabba li t-tifel tieghu kien jiffekwenta in-*Nursery*, huwa kien sema diversi lmenti minn nies dwar nuqqasijet tal-istock tal-bar.

David Gauci xhed illi huwa rega ha il-gestjoni tal-bar wara illi hareg Puglisevich u wara perijodu ta' tminn xhur li Micallef kien qed jigestixxi l-bar wahdu.

Simon Henwood in kontro-ezami, (a fol. 145) xhed illi ma kienx jafx li kien hemm xi tgergir mill-klijentela tal-bar meta dan kien qed jigi gestit mill-attur u l-konvenut Micallef.

Carmelo Micallef a fol. 146 ikkonferma li  kien jiffrekwenta l-bar, meta kien gestit minn Puglisevich u lil Micallef, li ma kienx jaf li kellhom problemi bejniethom izda darba Micallef kien qallu li  qieghed isib il-flus neqsin mill-kexxun. Dan iz-zmien,  huwa kien diga irtira mill-korp tal-Pulizija.

Joseph Borg Cardona in kontro-ezami (a fol. 147) xhed b'referenza ghal DokJBC1-5, u sostna li mis-somma tad-Lm9000, inhargu Lm8250 biex jithallas il-*goodwill*, *fixture* u *fittings* tal-bar. Hargu 3 *bank drafts*, jigifieri saru 3 pagamenti, hekk kif jidher f'Dok.JBC1.

> ***Skond Dok.JBC1-5, ir-repayment kien ta' Lm97.67 fix-xahar, ekwivalenti ghal €227.51. Ir-repayment beda fit-13 ta' Lulju 2006. Dan il-loan repayment ghadu qed jithallas.*** Vide fol. 147

Romuald Attard  ghan-nom ta' Bank of Valletta in kontro-ezami, xhed li tlett pagamenti tal-*loan* tal-attur hargu kif ser jinghad:

Lm4500 li kien hareg *bank draft*, f'isem David Gauci;
Lm2000 gew iddepozitati gewwa l-*account* 40015078155, f'isem Christopher u Nadienne Puglisevich;
Lm1750 kienu gew iddepozitati fl-istess kont ta' Puglisevich.
Total Lm8250.

Il-kumplament ta' Lm750 "***ghadhom sa llum ma gewx utilizzati.***"(vide fol. 150)

Leslie Causon  in kontro-ezami, a fol. 152 et seq. xhed li fil-mument li hareg David Gauci,  r-relazzjoni legalment baqghet ma' Joseph Micallef biss u l-*club* qatt ma dahal f'relazzjoni ma' l-ebda persuna ohra u ma inbidel xejn fil-kuntratt originali.

Causon ikkonferma li l-kuntratt ma jeskludix li l-inkwilin ikun jista’ jqabbad nies fil-gestjoni tal-bar, u cioe’ biex jahdem ghalih fil-bar.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati:

> ***“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi “dan ma jsisserx pero’ illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” (“Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine”, Appell 29 ta’ Mejju 1998). “Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta’ tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero’ kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.” (“Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca.” Appell 6 t’Ottubru 1999; “John Saliba –vs- Joseph Farrugia”, Appell, 19 ta’ Novembru 2001);”***

Il-Qorti ma tistghax tikkondividi mal-konkluzjonjiet raggunti mill-perit legali, ghar-ragunijiet li ser isegwu f’dan il-pronunzjament.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal dikjarazzjoni li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar il-gestjoni ta’ bar in kwistjoni, m’ghadux validu b’konsegwenza ta’ l-allegat agir abbuziv tal-konvenuti, jew min minnhom; talba ghar-refuzjoni tas-somma ta’ sitt elef u hames mitt Lira

Maltin (Lm6500) mill-konvenut David Gauci; u talba ghal likwidazzjoni u risarciment ta' telf ta' qliegh u danni mill-konvenuti Micallef.

Il-konjugi Micallef, irribattu li it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fattwalment oltre li huma nieqsa minn kull fondament legali, stante illi il-konvenut David Gauci kien irrinunzja ghad-dritt ta' kirja li kellu fuq il-bar in kwistjoni, u b'hekk it-titolu relattiv ta' lokazzjoni baqa' jispetta biss lill-konvenuti Micallef, li b'ebda mod ma assenjaw lill-attur xi drittijiet lokatizzji jew ta' xorta ohra fil-gestjoni tal-bar. Il-konvenuti Micallef irribadew li l-inkarigu tal-atturi kien gie tterminat minn Micallef, li kienu kienu kostretti jaghmlu dan minhabba l-agir abbuziv u illegali tal-attur.

David Gauci, ecepixxa illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur; in-nullita' tar-rikors guramentat li huwa nieqes minn tifsira car u sewwa tal-oggetti u r-raguni tat- talbiet bi ksur ta' l-**Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;** li l-kawza hija bbazata fuq ksur ta' ftehim bejn Micallef u l-atturi u li ma hemm l-ebda premessa illi torbot lill-konvenut Gauci ma' xi risponsabbilita' versu l-atturi.

David Gauci issoleva l-eccezzjoni ta' nullita' tar-rikors guramentat ai termini ta' l-**Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, in vista tal-ksur tal-principju kardinali *'electam una via non datum recursus ad alteram'*.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tan-nullita' au termini **tal-Artikolu 789 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-Artikolu jippreciza erba' (4) cirkostanzi li jimportaw il-piena harxa tan-nullita'. Il-Qorti taghraf illi l-erba' (4) istanzi huma tassattivi, u dana fis-sens illi biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi.

Illi l-konvenut Gauci, qanqal l-eccezzjoni ta' nullita' ukoll in vista tal-fatt illi l-atturi ressqu f'kawza wahda zewg (2) azzjonijiet ta' natura guridika ghal kollox diversa wahda mill-ohra:

u cioe' azzjoni in linea ta' danni fil-konfront tal-konvenuti Micallef; u azzjoni ghal rifuzjoni fil-konfront tal-konvenut Gauci.

Il-Qorti taghmel referenza ghal insenjament moghti fis-sentenza **Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech**, deciza fl-**24 ta' Settembru 2001**, per Onorabbli **Imhallef Joseph R. Micallef**, fejn gew elenkati l-elementi li ghandhom jissussistu fir-rikors guramentat, hekk skond l-**Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema elementi, jekk in ezistenza, inaqqsu l-possibilita' illi jippregudikaw il-validita' ta' l-istess, f'kawza fejn jitressqu zewg azzjonijiet separati, dik il-Qorti irriteniet :

> ***"Illi issa xieraq li wiehed jara jekk tinholoqx nullita' fejn zewg talbiet guridikament distinti jitressqu f'kawza wahda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qieghed jinkiser dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, johrog illi (i) l-attur ghandu jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghala jkun qieghed jitlob dak l-oggett; (ii) dak l-oggett u dik ir-raguni jridu kunu mfissrin car u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raguni(jiet) kif premessi fl-att tac-citazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza."***

Din il-Qorti b'referenza ukoll ghall-import tal-**Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, taghmel accenn ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited,** deciza fit-**13 ta' Marzu 2003**, mill-per **Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef**:

> ***"Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha."***

Dan in-nuqqas irid ikun wiehed ta' certu gravita'. Infatti fis-sentenza fuq citata **Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech**, b'referenza ghan-nexus bejn il-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat, gie ritenut:

> ***"Illi ghalhekk, citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista' jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta' rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha."*** Vide ukoll **E. Scicluna vs M. Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299)

**Ikkonsidrat:**

Fit-tielet (3) premessa tar-rikors guramentat, **l-atturi jaghmlu referenza ghall-*"ftehim bejn il-partijiet kontendenti*"**. Mill-provi prodotti johrog car illi minkeja ill-l-atturi jaghtu l-impressjoni illi kien hemm l-ftehim wiehed illi kien sar bejn il-partijiet kollha, u cioe' bejn Puglisevich, Gauci u Micallef b'assenjazzjoni minn Gauci a favur Puglisevich tad-drittijiet u interessi kollha ta' Gauci konnessi mal-gestjoni tal-bar, **l-provi juru xorta ohra**.

Li johrog car mill-provi hu illi kien qed jigi msemmi "ftehim" ta' assenjazzjoni ta' drittijiet minn persuna wahda u ftehim fuq il-qliegh ma' persuna ohra. Illi ghalhekk ir-rekwizit **li l-oggett u r-raguni jridu kunu mfissrin car u sewwa** ma jistghax jinghad illi hu ghal kollox sodisfatt 'l ghaliex, huwa biss mill-provi prodotti illi wiehed jista' jissielet linja li ssegwi biex wiehed jasal ghal-konkluzzjoni li si tratta ta' kwistjoni fuq gestjoni tal-bar. Skond il-gurisprudenza fuq citata **Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech,** : **"*(iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza."***

Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, hareg car daqs il-kristall illi **qatt ma kien hemm ftehim wiehed**, u cioe’ ftehim li kien **bejn it-tliet (3) partijiet** u li **kien jorbot l-istess tliet (3) partijiet flimkien** fi skrittura unika. Dak li jirrizulta mill-provi huwa illi fir-realta’ kien hemm zewg (2) arrangamenti, u cioe’ ftehim bejn l-atturi u l-konvenut Gauci u ftehim iehor bejn l-atturi u l-konvenuti Micallef. Il-ftehim bejn l-atturi u Gauci kien jirrigwardja l-fatt illi Gauci, li kien bi shab ma’ Micallef fil-gestjoni tal-bar in kwistjoni, kien iddecieda li jitlaq minn tali gestjoni u ghalhekk huwa dahal **fi ftehim verbali** ma’ l-atturi fejn assenja l-pozizzjoni tieghu fin-negozju lill-atturi, ghall-prezz ta’ sitt elef u hames mitt Lira Maltin (Lm6500):

> ***“Jiena u Joseph Micallef konna bi shab flimkien fil-bar ta’ Mosta FC. Jien iddecidejt li nitlaq u ghidt lil Micallef “jew izzommu inti jew nara x’naghmel”. Peress li Micallef u Puglisevich jigu xi haga minn xulxin, iddecidew li Puglisevich jidher minnfloki. Jiena ghidt lil Puglisevich biex jaghtini s-sehem tieghi u jista’ jidhol minnfloki. Ftehemna xi Lm6500, taghni l-ewwel pagament u mbagad taghni t-tieni pagament u ktibt dikjarazzjoni fejn ghidt li m’ghadx ghandi x’naqsam.....Jiena tlaqt ghax ma kellix x’naqsam imbaghad.”***

Dak il-ftehim kien segwit b’arrangament iehor bejn l-attur u Micallef ghas-shubija in daqs fil-bar in kwistjoni. Huwa evidenti ghalhekk illi si tratta ta’ zewg azzjonijiet, totalment differenti, li kienu jinkludu hlas ta’ somma flus fi ftehim wiehed (l-atturi ma’ Gauci), u ftehim (tal-atturi ma Micallef) ibbazat fuq qliegh indaqs fil-gestjoni tal-bar. Huwa palezi illi t-tieni ftehim huwa ibbazat fuq kondizzjonijiet totalment differenti u estraneji ghall-ftehim ta’ assenjazzjoni ta’ drittijiet li kien sar ma’ l-iehor (Gauci).

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Rene Frendo Randon noe vs Albert Walter Salomone noe et**, deciza fl-**24 ta’ April 1998**, mill-**Qorti ta’ l-Appell** :

> ***“...m’hemm ebda dubbju li fl-att tac-citazzjoni, indipendentement mill-mertu propju in kawza, jidher evidenti <u>li kemm fil-kawzali kif</u>***

> ***<u>ukoll fid-domandi</u> l-attur appellant hallat zewg azzjonijiet ma' xulxin meta dan proceduralment ma setax jaghmlu. Mhuwiex eskluz li bl-inkluzjoni ta' numru ta' kawzali u premessi fl-att tac-citazzjoni, ankorke' dawn jistghu jwasslu ghal aktar minn azzjoni wahda, b'dan il-att ma jwassalx bilfors ghan-nullita' tac-citazzjoni. Imma meta tali ambivalenza timmanifesta ruhha ukoll <u>fit-talbiet</u>, allura l-kaz huwa diferenti sew."***

L- Qorti ta' l-Appell, kompliet tghid:

> ***"Fil-fatt, fil-kaz in ezami hemm izjed minn hekk ghaliex it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' ohra bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti l-wahda mill-ohra"....."Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma' ohra"..."Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta' l-attur kienet wahda, rrita u nulla."***

Vide ukoll fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Rita Caligari u Emanuel Degiorgio**, deciza fit-**13 ta' Frar 2012**.

Il-Qorti rat u ezaminat il-konkluzjonjiet tal-Perit Legali dwar in-nullita' ta' citazzjoni odjerna u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tat-2 t'Awwissu 2013 u taghraf illi c-citazzjoni odjerna, minkejja n-nuqqasijiet taghha, hija mfassla b'mod li l-persuna mharrka cioe' l-intimati jifhmu l-import ta' tali talba u li jkunu f'qadgha li jiddefendu ruhhom u dana ai termini tal-gurisprudenza citata **Lay Lay Company Limited vs Saliba Derek Paul et** deciza **fl-1 ta' Frar 2010**; **Bella Hili vs Michael Fenech et** deciza fit-**13 ta' Frar 2006**; **Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe** deciza fil-**20 ta' Jannar 1986;** u **Joseph Colerio vs Dr. Joseph Ellul** deciza fl-**14 ta' Frar 1967**.

Din il-Qorti tgharaf illi l-intimati kollha infatti gharfu l-import tat-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju u gharrfu jiddefendu ruhhom abbilment ghall-istess, u minkejja li n-nuqqasijiet fir-rikors promotur huma ta' certu serjeta', l-Qorti tqis illi m'humiex daqstant gravi li jinduci lil din il-Qorti li tiddikjara n-nullita' tar-rikors' promotorju.

Fuq il-meritu din il-Qorti pero taghraf illi minkejja li l-kawza hija bbazata fuq obbligi naxxenti minn kuntratt ergo obbligi kontrattwali, il-**"ftehim"** li huwa il-pern ta' dawn l-obbligi u cioe' Dok. A a fol. 4 u Dok.B a fol. 5 ma jista' bl-ebda mod jissejjah **ftehim jew kuntratt** izda jista' jigi konsiderat biss bhala ricevuta ta' hlas. Din il-Qorti taghraf illi Puglisevich, sabiex jidhol ghal gestjoni tal-bar tal-Mosta Football Club Youth Nursery, kellu per forza jidhol fi ftehim bhal dak illi kienu dahhlu ghalih Joseph Micallef u David Gauci fl-10 ta' Novembru 2005 – vide fol. 202 jew dak li dahhlu ghalih David Gauci u Joseph Vella fit-12 ta' Marzu 2007 – vide fol. 210 u **cioe' kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet kollha izda b'mod specjali mal-amministratur tal-Mosta Football Club.** Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi David Gauci rrinunzja ghad-dritt tal-kirja li kellu fil-bar in kwistjoni, u **ghalhekk il-kirja baqghet vigenti biss fuq Joseph Micallef**. La Joseph Micallef, wisq anqas David Gauci **ma kellhom id-dritt li jassenjaw** xi dritt lokatizzju lil Puglisevich il-ghaliex dan **seta' jinghata biss minn l-amministratur tal-Mosta Football Club.**

Din il-Qorti in oltre taghraf illi l-ewwel talba tal-attur hija precizament sabiex il-Qorti tiddikjara ***"illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti... m'ghandux validu u operattiv."***

**Illi ghalhekk, huwa palezi illi l-kawza hija bbazata fuq *contractual liability* u xejn aktar.**

Illi din il-Qorti taghraf illi fin-nuqqas ta' kuntratt, din il-Qorti ma tistax tibda biex tikkonsidera xi ksur kontrattwali da parti tal-intimati li jaghti lok ghal dritt kontrattwali ta' refuzjoni jew xi risarciment tad-danni jew telf ta' qliegh lill-attur.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi salv ghal-kwalunkwe dritt spettanti lilhom ex contractu, tichad l-eccezzjonijiet ta' David Gauci, ghajr ghar-raba eccezzjoni li qed tigi milqugha, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konjugi Micallef ghajr ghat-tieni u t-tielet eccezzjoni li qed jigu milqugha.

Fic-cirkostanzi pjuttost partikolari f'dan il-kaz, il-Qorti taghraf li jkun gust u ghaqli li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet b'dana li l-ispejjez tal-Perit Legali ghandhom jigu mhallsa kwantu ghal-terz mill-atturi, kwantu ghal-terz mill-konvenuti konjugi Micallef u kwantu ghal terz mill-konvenut David Gauci.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------